Kunsill Lokali L-Għasri
6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021
Tel: 21558686 Fax: 21558655 email: ghasri.lc@gov.mt

*Ref. Nru. VI/52*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 52 tal-Kunsill Lokali L-Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar il-Ħamis 26 ta' Lulju, 2012 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet presjeduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

| | |
|---|---|
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frank Formosa | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sinjura Renance Vella Aquilina | Kunsilliera |

## 1. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillieri qalu t-talba.

## 2. Mument ta' silenzju b'rispett lejn Stephen Moon

Is-Sindku għamel minuta silenzju bħala rispett għal Stephen Moon, li kien skrivan taħt l-iskema xogħol fil-komunita, mal-Kunsill Lokali L-Għasri. Il-membri kollha esprimew is-sogħba għat-telfa ta' Stephen u urew s-soliderjata mal-familjari tiegħu f'dawn il-mumenti diffiċli.

## 3. Qari u approvazzjoni tal-Minuti 6-51

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa preċedenti, ġew approvati unanimament u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 4. Korrispondenza

4.01 Memo 25/2012 – Kontroll fuq il-firxa tal-Bumunqar l-Aħmar.

4.02 Memo 26/2012 – European Mobility Week – Car Free Day 2012.

4.03 Memo 27/2012 – Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet Lifelong Learnging 2012-13.

4.04 Memo 28/2012 - Mistoqsija Parlamentari Numru 35780 dwar permessi ta' imwejjed, siġġijiet u umbrelel fuq art tal-gvern.

4.05 Memo 29/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 35940 dwar żoni pedonali.

4.06 Memo 30/2012 – Mistoqsija Parlamentari Numru 35937 dwar fondi mill-Unjoni Ewropeja.

4.07 Memo 31/2012 – Reviżjoni fl-Onorarja lill-Presidenti tar-Reġjuni u lis-Sindki tal-Kunsilli Lokali.

4.08 Memo 32/2012 – Korsijiet għall-Adulti (Lifelong Learning Classes).

4.09 Memo 33/2012 – Użu Sostenibbli tal-Pestiċidi.

4.10 Joe Attard, Kap Eżekuttiv ta' Green MT informa lill-Kunsill li l-ġbir tal-ħġieġ kull nhar ta' Ħamis mhux ikun vijabbli għal kumpanija tiegħu. Huwa qed jipproponi sabiex dan il-ġbir jibda jsir darba kull ħmistax. Il-Kunsill qabel li għandna nipproponu lis-Sur Attard sabiex din l-iskema tibda titħaddem f'irħula oħra u b'hekk jista' jkun li tkun vijabbli.

4.11 Il-President tal-AKL informa lill-Kunsilli Lokali li sar ftehim mal-MEPA sabiex ir-release tal-garanzija bankarja li l-MEPA iżżomm lill-iżviluppaturi tibda isseħħ wara li tkun iffirmata mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv bħala żewġ rappreżentanti legali tal-Kunsill Lokali.

4.12 Josette Camilleri mill-Aġenzija Żgħażagħ infurmat lill-Kunsilli dwar l-applikazzjoni għall-Kunsilli Lokali Żgħażagħ.

4.13 Joe Attard, Kap Eżekuttiv ta' Green MT informa lill-Kunsilli Lokali li l-ġbir ta' skart riċiklabbli mhux se jibqa' jsir meta l-ġurnata ta' ġbir tinzerta festa pubblika. Dan għar-raġuni li meta kien qed isir il-ġbir fi ġranet li jkunu festi pubbliki, l-ammont miġbur kien qed ikun żgħir wisq u għalhekk mhux vijabbli li jibqa' jseħħ.

4.14 Christopher Galea mill-Monitoring Unit talab il-kummenti tal-Kunsill dwar ir-rapport tal-Awditur għas-sena 2010. Il-Kunsill iddiskuta r-rapport u qabel li m'għandu xejn xi jżid mar-risposta għall-ittra ta' direzzjoni li kienet intbgħatet fil-31 ta' Mejju 2011.

4.15 Guido Zammit mill-ETC informa lill-Kunsill li l-parteċipazzjoni ta' Spiru Farrugia fl-iskema xogħol fil-komunita ġiet imġedda għal sitt xhur oħra b'seħħ mit-Tnejn 16 ta' Lulju, 2012.

## 5. Attivita' fl-okkażjoni ta' Jum L-Għasri

Il-Kunsill iddiskuta dwar x'attivita' għandha tittella' biex infakkru Jum L-Għasri. Is-Sindku ippropona biex issir attivita' simili għal tas-sena l-oħra li kienet intlaqgħet tajjeb minn dawk kollha li attendew. Għalhekk ser isir ix-xogħol meħtieġ biex tittella' serata kommemorattiva u ta' divertiment fejn ikunu mistiedna jattendu r-residenti kollha. Il-Kunsill qabel li l-ġurnata li ssir l-attivita' għandha tkun is-Sibt 29 ta' Settembru.

## 6. Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – Jannar – Marzu 2012

Id-dokument (Rapport Finanzjarju ta' kull kwart – Jannar – Marzu 2012) diġa kien tqassam lill-membri kollha tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta dan ir-rapport li ġie approvat unanimament.

**7. Applikazzjoni għall-fondi mill-EU – M413.4**

Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar applikazzjoni tal-EU li għadha kif ħarġet fejn il-Kunsill jista' japplika għall-fondi dwar landscaping, water catchment, tindif ta' widien eċċ. Il-Kunsill qabel li għandna naplikaw biex il-wied fi Triq il-Knisja jitnaddaf u anke jsir xogħol ta' tisbiħ b'tali mod li jkun jista' jitgawda mir-residenti u anke mit-turisti. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Meusac ser ikunu qed jassistuna fil-mili ta' din l-applikazzjoni. Il-Perit Angelo Portelli ser iħejji l-pjanti u d-dokumenti l-oħra meħtieġa.

**8. Ħlas ta' Kontijiet**

Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 6-52 biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**9. Materja oħra**

9.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Frans Portelli resident fi Triq Wied Sara, kien talbu biex isiru lampi ġodda fi triq li hemm fl-egħlieqi fl-inħawi ta' Wied Sara, iżda t-triq li qed jirreferi għaliha hija privata. Il-Kunsill qabel li peress li t-triq għadha privata din il-proposta ma tistax tintlaqa'.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li Ronnie Camilleri talab sabiex jitnaddaf il-gandott li hemm biex jilqa' l-ilma tax-xita fil-Wied Ta' Feliċi. Il-Kunsill qabel li jsir ix-xogħol meħtieġ.

9.03 Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina infurmat lill-Kunsill li saritilha talba biex jitnaddaf il-passaġġ li hemm fi Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel li l-ewwel għandna nivverifikaw jekk dan il-passaġġ hux privat jew le. F'każ li huwa passaġġ pubbliku jsir it-tindif meħtieġ.

9.04 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana, talab sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ fl-inħawi Ta' Kanġla li kien iġġarraf. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jinbnew il-ħitan fl-inħawi Tal-Gallina u Wied L-Għasri peress li huma aktar perikolużi u wara jkun jista' jinbena dan il-ħajt ukoll.

9.05 Ninu Caruana ta' Triq il-Fanal talab sabiex issir rampa għar-raba fl-inħawi Tal-Gallina. Il-Kunsill qabel li mmorru naraw fejn trid issir din ir-rampa u wara li jkolna l-informazzjoni tittieħed deċiżjoni.

9.06 Alfred Attard ta' Triq Dun Karm Caruana, talab sabiex jitnaddaf il-wied li hemm fi Triq il-Knisja peress li hemm xi skart li qed jimblokka l-istess wied. Fl-applikazzjoni għall-fondi mill-EU taħt M413.4, il-Kunsill qed japplika għall-fondi għat-tindif ta' dan il-wied u għalhekk ix-xogħol ikun jista' jsir meta l-applikazzjoni tal-Kunsill tkun approvata.

9.07 Marija Assunta Tabone ta' Triq il-Fanal talbet biex jinqala' bank li hemm fejn id-dar tagħha peress li qed ikun hemm l-istorbju. Il-Kunsill qabel li dan il-bank għandu jitneħħa.

9.08 Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona sabiex isir sinjal tat-traffiku fil-pjazza u fil-bidu ta' Triq il-Fanal. B'hekk kulħadd għandu jsuq fuq in-naħa tal-linja tiegħu. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u għalhekk ser issir talba lil Transport Malta biex jinżebagħ s-sinjal.

9.09 Il-Kunsillier Joseph Farrugia ippropona biex issir rampa għall-għalqa fl-inħawi ta' Triq il-Fanal. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol meħtieġ.

9.10 Il-Kunsilliera Renance Vella Aquilina infurmat lill-Kunsill biex il-ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Triq il-Fanal jitranġa peress li jista' jiġġarraf. Il-Kunsill qabel li kif ikolna l-ħaddiema, dan ix-xogħol ikun jista' jsir.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu, 2012 fil-5.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fid-9.30p.m.

| | |
|---|---|
| Andrew Vella | Ruben Cassar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |